**DH 519/2026** **HR/MHA Cirkulari Nru 19/2026**

Diviżjoni tal-People Management,

Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva
15, Palazzo Castellania,
Triq Merkanti,
Valletta, VLT 1171

27 ta' Marzu 2026

Lil: Segretarji
Permanenti
Diretturi-Ġenerali
Chairpersons Kliniċi
Diretturi

**Promozzjoni ta' General Practitioner għal Senior General Practitioner fil-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva**

**Prejambolu**

Skont il-Ftehim Settorali ffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u l-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta (MAM) fil-18 ta' Frar 2022, il-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva jistieden lill-Uffiċjali Pubbliċi fil-grad ta' General Practitioner biex jesprimu l-interess tagħhom biex jersqu għal intervista bi skop li jiġu promossi għall-grad ta' SeniorGeneral Practitioner.

Qed jiġi ċċarat li l-onus li wieħed jinforma lid-Direttorat bil-kisba tar-rekwiżit skont Paragrafu 2 hawn taħt, jaqa' taħt il-General Practitioner individwali.

## 1. Rekwiżiti ta' Eliġibbilta`

Kandidati li jissottomettu l-interess tagħhom biex jiġu intervistati jeħtieġu li jkunu akkumulaw total ta' equivalenza ta' tlett (3) snin servizz sodisfaċenti full-time mal-Gvern wara r-reġistrazzjoni bħala speċjalist fir-Reġistru tal-Ispeċjalisti għall-Mediċina tal-Familja.

## 2. Pubblikazzjoni tar-riżultat u proċess tal-appelli

2.1. Ir-riżultat tal-proċess tal-għażla huwa approvat mis-Segretarju Permanenti u d-data tal-ħatra tkun b'effett mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

2.2. Fir-rispett tal-mekkaniżmu tal-appelli, kandidati li ma jkunux aċċettati għall-promozzjoni u li jixtiequ jissottomettu appell, għandhom jagħmlu hekk direttament lill-Kummissjoni. L-appell ikun riferut mill-Kummissjoni lill-Bord tal-Appelli, u l-irwol tal-Bord tal-Appelli jkun li jagħti parir lill-Kummissjoni jekk l-appell għandhux jiġi aċċettat jew le. Id-deċiżjoni finali tittieħed mill-Kummissjoni, li tikkomunika wkoll dik id-deċiżjoni lill-appellant.

## 3. Sottomissjoni tal-Espressjoni ta' Interess

4.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-*People Management*, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta VLT 1171, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Il-GP47 għandha tintalab mill-unita' tal-HR tal ministeru/dipartiment li jkun qed joħrog is-Sejħa għall-Applikazzjoni. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **Nofsinhar (Ħin Centrali Ewropew*)* ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju 2025.** Ittra elettronika ġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provedimenti ġenerali msemmija hawn isfel. Se jsiru żewġ proċessi tal-għażla. Il-proċess tal-għażla jikkunsidra applikazzjonijiet li jaslu sal-Ħin Centrali Ewropew ta' dawn id-dati imsemmija hawn taħt:

**Nofsinhar (Ħin Centrali Ewropew) tal-Ġimgħa 26 ta' Ġunju 2026.**

4.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

4.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

4.4 Applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid- data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottometu kwalunkwe dokumenti mhux korretti jew mhux kompluti jew nieqsa.

4.5 Iċ-ċertifikati oriġinali u/jew dokumenti għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista għall-verifikazzjoni.

## 4. Provvedimenti Ġenerali Oħra

5.1 Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa applikabbi għal din iċ-ċirkulari, b'referenza partikolari għal:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita`;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta VLT 1171. Dawn il-provvedienti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din iċ-ċirkulari.

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa huwa (https://saħħa.gov.mt), u l-indirizz elettroniku tad-divizjoni huwa (recruitment.health@gov.mt).

Dr Renzo De Gabriele
Permanent Secretary
Ministry for Health and Active Ageing

| | |
|---|---|
| Ministry / Department : | Ministry for Health and Active Ageing |
| Contact Persons : | Dr R De Gabriele |
| Address : | Palazzo Castellania, 15 Merchants Street, Valletta VLT 1171 |
| Telephone : | +356 22992600 |
| Email address : | recruitment.health@gov.mt |